

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: CF, DN

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 15(c) u l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refugiati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija ⁽¹⁾ jipprekludu l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tipprovi li ma jistax ikun hemm theddid serju u individwali għall-ħajja jew għall-persuna ta' persuna ċivili minħabba vjolenza nondiskriminatorja f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat (fis-sens li persuna ċivili taffaċċja, unikament minħabba l-preżenza tagħha fit-territorju kkonċernat, minn riskju veru li ġġarrab tali theddid), fil-każijiet fejn din il-persuna ċivili ma tkunx ikkonċernata speċifikament minħabba ċirkustanzi inerenti għas-sitwazzjoni personali tagħha, ħlief jekk ikun ġie kkonstatat li numru minimu ta' vittmi ċivili (mejta jew midrubin) kien diġà ġie stabbilit?
- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: l-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk theddid f'dan is-sens iseħħx għandha tkun ibbażata fuq teħid inkunsiderazzjoni globali taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ? Fil-każ ta' risposta fin-negattiv, liema rekwiżiti oħra tad-dritt tal-Unjoni japplikaw għal din l-evalwazzjoni?

⁽¹⁾ ĠU 2011, L 337, p. 9

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fil-11 ta' Diċembru 2019 – Q-GmbH vs Finanzamt Z

(Kawża C-907/19)

(2020/C 87/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Q-GmbH

Konvenut: Finanzamt Z

Domanda preliminari

Jeżisti servizz li jagħmel parti mill-operazzjonijiet ta' assigurazzjoni u ta' riassigurazzjoni, ipprovdut b'eżenzjoni mit-taxxa mis-sensara tal-assigurazzjoni u mill-aġenti tal-assigurazzjoni fis-sens tal-Artikolu 135(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, fil-każ fejn persuna taxxabbli li teżerċita attività ta' intermedjarju għal kumpannija ta' assigurazzjoni tipprovi wkoll lil din tal-aħħar il-prodott ta' assigurazzjoni medjat?

⁽¹⁾ ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60.